Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/10*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 10 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2013 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-09

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Laqgħa Pubblika

Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

## 4. Budget 2014

Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill u ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni illum. Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-Budget għas-sena 2014 li ġie approvat unanimament.

## 5. Business Plan 2014-2016

Dan id-dokument kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill u ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa pubblika li nżammet aktar kmieni illum. Il-Kunsill reġa' iddiskuta l-Business Plan għas-snin 2014/2016 li ġie approvat unanimament.

**6. Attivitajiet fi żmien il-Milied**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-armar u tiżjien tal-Pjazza u Triq Dun Karm Caruana tlesta mill-Għaqda tal-Armar tal-Festa. Peress li l-istilel li kien hemm biex jeħlu mal-arbli ma kienux f'kundizzjoni tajba li jintużaw ġie deċiż li jinkera dawl dekorattiv minn għand Micho Lighting.

Dwar il-ħarġa li saret għal Malta s-Sindku qal li irċieva kummenti sbieħ dwar din l-attivita ġdida u kienu ħafna nies li ipproponew sabiex il-Kunsill jorganizza aktar ħarġiet matul is-sena. Għalhekk is-Sindku ippropona li f'Jannar tas-sena 2014, wara li jgħaddu l-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, norganizzaw ħarġa oħra għal Malta fejn anke nieħdu lir-residenti iżuru postijiet ta' interess. B'hekk il-ħarġa tkun ukoll attivita kulturali. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

Dwar l-attivitajiet l-oħra li norganizzaw fis-sala parrokjali u fis-sala tal-Museum ix-xogħol miexi tajjeb u kif ippjanat. Il-librara Marvic Attard Briffa kompliet bil-preparamenti biex jittellgħu l-plays, kant u żfin. Il-provi qed isiru tlieta jew erba' darbiet fil-ġimgħa.

Kif isir ta' kull sena f'dan iż-żmien ta' festi, l-Kunsill qabel li issir attivita soċjali biex il-Kunsillieri, l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ u l-istaff kollu tal-Kunsill jiltaqgħu flimkien.

**7. Korrispondenza**

7.01 Memo 29/2013 – Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali.

7.02 Memo 30/2013 – Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

7.03 Memo 31/2013 – Identifikazzjoni ta' binjiet fil-lokalitajiet biex isir l-eżerċizzju tat-tiġdid tal-karti tal-identita. Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba jidentifikaw post fejn jista' jintuża għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel li għandna nipproponu li tintuża l-klinika li tinsab fi Pjazza s-Salvatur. Tista' tintuża ukoll l-Għassa tal-Pulizija li tinsab eżatt ħdejn il-klinika fi Pjazza s-Salvatur.

7.04 Memo 32/2013 – Kuntratti u / jew seħiet għall-offerti tal-Kunsilli Lokali dwar skart.

**8. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-10 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**9. Materja oħra**

9.01 Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill b'ilment li irċieva dwar ħajt li waqa' fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Kanġla. Il-Kunsill qabel li għandu isir ix-xogħol meħtieġ u jitneħħa kull periklu li jista' jkun hemm.

9.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill b'ilment li irċieva dwar parti minn Triq il-Kanun fejn irid jingħata ftit konkos biex titranġa. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

9.03 Is-Sindku ippropona sabiex parti minn Triq tal-Gallina fejn diġa hija magħmula mill-konkos, titwessa ftit. B'hekk jekk jiltaqgħu żewġ vetturi fl-istess ħin u li sejrin fid-direzzjoni opposta ikunu jistgħu jgħaddu mingħajr problemi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 31 ta' Jannar, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |